**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 ta' Novembru 2020**

**Rikors Numru : 318/2019 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**MA**

**Vs**

**KC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MA datat 8 ta' Lulju 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewwġu fil-Knisja Parokkjali ta' Żejtun nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija tnejn u disgħin (1992).*

*Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat nhar it-tlieta (3) ta' Mejju elfejn u tnejn (2002) (anness u mmarkat Dok A)*

*Illi l-partijiet huma l-ġenituri ta' AC u SC, iżda permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni magħmul bejniethom, fi klawsola tlieta ġie maqbul li l-kura u l-kustodja ta' A u S tiġi fdata għand il-ġenituri tar-rikorrenti CA u MA b'aċċess sħiħ u liberu versu l-partijiet;*

*Illi l-partijiet ilhom de facto separati sa' mis-sena elf disgħa mija ħamsa u disgħin (1995) u de iure separati mis-sena elfejn u tnejn (2002)*

*Illi m'hemm l-ebda prospett għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante illi illum*

*għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment dovuti;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa sabiex iż-żwieġ jiġi xolt skont l-Artikolu 66 B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ntavola ebda risposta u ma deher qatt ghas-seduti skedati;

Rat illi ghalhekk huwa kontumaci;

Rat il-fakolta' moghtija minn din il-Qorti fid-9 ta' Lulju 2020 sabiex l-intimat jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu ai termini tal-Art 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-intimat baqa' inadempjenti;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**MA** xehdet a fol 18 *et seqq* illi hija iżżewwġet lir-raġel tagħha KC fil-31 ta' Ottubru 1992 u li minn dan iż-żwieġ kellhom żewġt itfal, illum maġġorenni. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali fl-2002. Illi minn dak in-nhar li iffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni qatt ma kien hemm rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u lanqas hemm tama tal-istess. Finalment xehdet ukoll illi ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-31 ta' Ottubru 1992 (Vide fol 21) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom żewġt itfal, illum jaħdmu u maġorenni;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Margaret Heywood, datat 3 ta' Mejju 2002 (fol 2 (vide Dok. A fol 2 et seqq.) u ghalhekk jirrizulta illi ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Jirrizulta di piu' illi l-intimat huwa kontumaci u li ghazel li ma jintavola ebda sottomissjonijiet minkejja l-opportunita' moghtija minn din il-Qorti ghal dan il-ghan fid-9 ta' Lulju 2020.

Jirrizulta wkoll illi ma jidher li hemm ebda eccezzjoni li din il-Qorti x'ghandha tqanqal ex officio.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attriċi irnexxiehla tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**